# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 729/00**

**Numru 36**

**Market Intelligence Services Company Limited**

**vs**

**People Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm227.50 (mitejn u seba u ghoxrin liri maltin u hamsin centemzu ) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi resi minnha fuq talba taghhom (ara Dok A u B).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar servizz moghti (cioe', mit-12

ta' Ottubru 1998) kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm227.50,0 bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Marzu 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur